MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 171/2003

**Filippa sive Pierina Borg**

**vs**

**Raymond Borg**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fil-21 ta' Marzu, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm4,767.44) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm767.44) kontijiet tat-telefon numru 21423518 u kwantu ghal erbat elef lira Maltin (Lm4,000) self brevi manu.

Bl-imghax u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Frar, 2002 kif ukoll tal-Mandat kawtelatorju numru 614/2003 ipprezentat qabel il-21 ta'

Marzu 2003, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, ghar-rigward l-ewwel talba attrici din hija ammessa fis-sens illi l-esponenti tabilhaqq ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ta' Lm767.44 ghall-ammont ta' telefonati li huwa ghamel;
2. Illi, pero', l-esponenti jichad kategorikament illi huwa ghandu jaghti l-ammont ta' Lm4000 li l-attrici qed tallega li silfitu.  Ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi, s-self allegatament maghmul mill-attrici lill-konvenut sar aktar minn sentejn qabel ma nfethet il-kawza fl-ismijiet premessi u ghalhekk kull procedura hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu.  Hawnhekk, il-konvenut qieghed ipoggi ostaklu ghall-azzjoni attrici bil-perkors ta' hames snin fil-kuntest ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili.  Dana jippreskrivi f'terminu fuq imsemmi l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra

meta l-kreditu ma jaqax skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar.

Irrizulta mill-provi li l-attrici harget *loan* mall-Bank of Valletta fis-sena 2000. Skond hi, dan sar a beneficcju tal-konvenut u sellfitu b'kollox is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

L-ewwel att gudizzjarju li l-attrici pprezentat kien l-Avviz fil-21 ta' Marzu, 2003, nettament fit-terminu ta' l-artiklu fuq imsemmi. Ghalhekk, il-Qorti ma tarax li din l-azzjoni tista' tkun preskritta u konsegwentement tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, t-talba attrici hija maqsuma f'zewg binari. L-attrici qeda titlob l-ammont ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm767.44) ghal telefonati maghmula mill-konvenut u l-ammont ta' elef lira Maltin (Lm4,000) ghal self maghmul a beneficcju ta' l-istess konvenut.

Rigward it-telefonati, dawn huma ammessi mill-konvenut kemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet kif ukoll fix-xhieda tieghu. Izda qieghed jirribatti l-allegazzjoni tas-self maghmul mill-attrici.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li ghal habta ta' Lulju, 2000 il-konvenuta applikat u ottjeniet self minghand il-Bank of Valletta, fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,529.14) skond ma jidher fl-*opening balance* ta' l-*istatement a* folio 34.

Fl-affidavit taghha a folio 20, l-attrici tispjega fejn marru dawn il-flus u min kien il-beneficcjarju. Spjegat kif il-konvenut kien f'diffikultajiet finanzjarji u peress illi kien *black-listed* mall-Bank, allura harget self fuq isimha biex b'hekk setghet tghaddihom lill-konvenut. L-attrici tkompli tghid (fol. 30), "Ghall-ewwel jiena kont navvicina lill-konvenut u nitolbu l-hlas. Kont immur ta' spiss u l-

konvenut qatt ma qalli le. Dejjem qal li sejjer ihallashom …"

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jinnega kategorikament illi huwa rcieva xi haga minghand l-attrici, ghajr il-kwistjoni tat-telefonati u jghid ukoll li parti mill-flus mislufa kienu marru biex gie finanzjat il-karozza ta' l-istess attrici.

Il-Qorti ghandha l-konfort tad-dokumenti kollha in kwistjoni ma' din il-karozza minfejn jirrizulta li nxtrat f'Marzu, 1998 u jidhru pagamenti regolari u kontinwi sa' Ottubru, 2002. Ma jidhirx li dawn il-pagamenti gew affettwati minn xi self jew flejjes ohra illi l-attrici harget a beneficcju tal-konvenut.

Il-kwistjoni tat-*transcript* tad-diskursata li giet irrekordjata mill-attrici mhijiex daqshekk rilevanti. Tajjeb jew hazin, skond il-verbal tal-15 ta' Marzu, 2005 il-konvenut talab li jigi kkupjata il-kontenut tal-*micro cassette* fuq wiehed *standard* u gie nominat it-tekniku Martin Bajada biex jaghmel dan. Jidher illi dan l-inkarigu gie esegwit, u l-konvenut seta' jibbenefika minnhu. Peress illi ma kinitx talba tal-Qorti mhux il-kaz li tistenna l-ezitu ta' dan it-*transcript* sakemm tigi deciza din il-kawza, li fi kwalunkwe kaz, il-Qorti, wara li qiset il-komportament tal-partijiet fuq il-pedana tax-xhud, kif ukoll kif gabu ruhhom fl-andament tal-kawza u x-xhieda moghtija, jidhrilha li x-xhieda ta' l-attrici hija aktar veritjiera u l-konvenut ried jahrab mill-obbligazzjoni tieghu li jrodd lura dak li gie moghti.

Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja l-ammissjoni tal-konvenut illi ghandu jhallas l-ammont ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm767.44) ghat-telefonati, dawn baqghu ma thallsux nonostante illi ghaddew sentejn minn notifika ta' l-avviz ghas-smiegh sa' l-gudizzju finali.

Ma hemmx dubju, illi dahal element ta' pika bejn il-partijiet u l-konvenut ried jaghmilha kemm jista' jkun difficli ghall-attrici biex tiehu dak li haqqha.

Il-Qorti pero', mhijiex sejra tikkondividi din l-attitudni u m'ghandha l-ebda esitazzjoni biex tiddikjara t-talba ta' l-

attrici gusta, pero, f'ammont ridott peress illi skond l-i*statement* tal-*Loan Account* (fol. 34) l-*opening balance* kien ta' tlett elef, hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,529.14) u mhux ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000). Dana jgib total dovut lill-attrici fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u sitta u disghin lira Maltin u tmeinja u hasmin centezmu (Lm4,296.58).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' erbat elef, mitejn u sitta u disghin lira Maltin u tmeinja u hasmin centezmu (Lm4,296.58) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm767.44) kontijiet tat-telefon bin-numru 21423518 u kwantu ghal ta' tlett elef, hames mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,529.14) self brevi manu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------